MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 658/1987/1

Paul Grech
vs
Carmelo Bugeja, Philip Bugeja u Anthony Bugeja, bhala diretturi, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Allwoods & Steel Ltd" u b'digriet tat-23 ta' Marzu 1988 intervjena fil-kawza in statu et terminis Dr. Remigio Zammit Pace ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Elmo Insurance Services Limited u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Sun Alliance and London Insurance p.l.c. u b'nota tat-2 ta' Frar 2000 il-kumpanija Elmo Insurance p.l.c. ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpnija estera Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza bhala intervenuta fil-kawza minflok Dr. Remigio Zammit Pace ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Elmo Insurance Services Limited u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Sun Alliance and London Insurance p.l.c. u b'digriet tad-19 ta' Lulju 2006 Elmo Insurance Ltd assumiet l-atti flok il-kumpanija Elmo

Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpnija estera Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c.

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi fil-11 ta' Settembru 1986, ghal xi t-3.30 p.m., waqt li l-attur, fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta li maghha kien impjegat, kien qed johrog, fuq fork-lift, taghbija ta' chipboard irqieq minn bejn bundle ta' chipboard li kien wieqaf kien korra serjament meta parti minn dan l-istess bundle kienet waqghet ghad-direzzjoni tal-fork-lift, l-attur kien qabez mill-fork-lift ghas-sigurta` tieghu stess u in segwitu l-injam tal-bundle kien waqa' fuq l-attur u l-fork-lift kien rassu;

Illi dan l-incident kien gara unikament htija tal-konvenuti nomine minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti taghhom, kif kellu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi, bhala rizultat tal-incident l-attur kien garrab danni konsiderevoli u kien ghadu qed ibati minn debilita` ta' natura permanenti, kif kien jidher mic-certifikat mediku anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok A;

Illi l-konvenuti nomine, interpellati biex jersqu ghar-rizarciment tad-danni subiti mill-attur, kienu baqghu inadempjenti;

L-attur talab lill-Qorti:

1) Tiddikjara lill-konvenuti nomine unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit, li gara fil-11 ta' Settembru 1986 ghal xi t-3.30 p.m., li fih l-attur korra serjament, u dan minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti taghhom, u ghad-danni konsegwenzjali subiti mill-attur;

2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3) Tikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma dikjarata bhala dovuta lilu in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 27 ta’ Novembru, 1986 u dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta’ April, 1986, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-intervenut fil-kawza Dr. Remigio Zammit Pace li biha eccepixxa:

1. Illi jekk l-attur kien wegga’ kien huwa stess li kien pogga ruhu f’pozizzjoni li kien jista’ jwegga’ billi kien qabez minn pozizzjoni fuq il-fork-lift li fiha ma kienx seta’ jigi milqut ghal pozizzjoni fl-art, ezattament fejn kien waqa’ l-bundle imsemmi minnu fl-att tac-citazzjoni, u dana kontra l-istruzzjonijiet ripetutament espressi mid-diretturi tas-socjeta` konvenuta.

2. Illi, ghalhekk, bl-ebda mod ma kienet tista’ s-socjeta` konvenuta tigi ritenuta responsabbli ghal xi danni li kienu jistghu jigu pretizi konsegwenza tal-incident.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-intervenut fil-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tad-9 ta’ Marzu, 1988 li bih gie nominat Dr. Rudolph Saliba bhala perit legali.

Rat id-digriet tal-5 ta’ Dicembru, 1988 li bih Dr. Joseph Ciappara gie nominat bhala perit legali in sostituzzjoni ta’ Dr. Rudolph Saliba.

Rat id-digriet tas-7 ta’ Mejju, 1999 li bih Dr. Frederick Zammit Maempel, perit mediku, gie awtorizzat jezamina mill-gdid lill-attur li ricenti ghad-data tad-digriet kellu intervent kirurgiku konsegwenza tal-korriment mertu tal-kawza.

Rat id-digriet tat-22 ta’ Ottubru, 1999 li bih Dr. Paul Gauci Maistre gie nominat bhala perit legali in sostituzzjoni ta’ Dr. Joseph Ciappara.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Ottubru, 1999 li fih Dr. Frederick Zammit Maempel irrileva:
“li huwa studja n-nota tas-Sur Grech u jikkonferma li sar intervent iehor fuq ix-xewka ta’ dahru u din id-darba sabu li kien gieh artiti li kien qed joqros  in-nerv.

Jiena ma ezaminajtx lis-Sur Grech ghax l-ahhar li ezaminajtu f’Mejju 1989 u f’Lulju 1991.

Ir-rapport rilaxxat minni f’Lulju 1991 jghid li sibtlu 20% ***disability*** pero` stante li l-***clinical signs*** saru xi snin wara l-incident jiena ma stajtx inkun cert illi dawn l-20% huma dovuti ghall-incident u iktar issa 11-il sena wara l-incident ma nistax nattribwixxi t-tieni operazzjoni ghall-incident ta’ Settembru 1986.”

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Paul Gauci Maistre u tal-Perit Mediku Dr. Frederick Zammit Maempel.  Dr. Paul Gauci Maistre ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet, sottomissjonijiet u likwidazzjoni ta’ danni:
“KONSIDERAZZJONIJIET U SOTTOMISSJONIJIET

55. L-attur kien jahdem bhala driver mad-ditta konvenuta.  Effettivament kien jaghmel hafna xoghol aktar skond l-esigenzi.  Kien ilu jahdem xi hames xhur qabel ma

gara l-incident. Meta gara l-incident l-attur kien qieghed jixxiftja njam min post ghall-iehor. Kien qieghed isuq fork lifter u Philip Bugeja kien qieghed jaralu quddiem il-lifter. L-attur sostna illi dan l-injam kien stivat parti minnu, catt ma' l-art u parti minnu wieqaf mal-kolonni u fil-fehma tieghu l-injam li kien vertikali kien stivat hazin ghaliex parti minnu kien hiereg 'l barra kif ukoll ghax kien stivat vertikali. L-attur caqlaq l-injam li kien stivat catt u kif wasal fl-ahhar bundle ta' l-injam gibed l-attenzjoni ta' Philip Bugeja li kien ser jolqot l-injam li kien wieqaf. Dan Philip Bugeja qallu li mhux ser jolqot l-injam vertikali u qallu biex idawwar l-isteering. Peress illi kien jibza ghal hobza tal-familja semgha mill-imghallem tieghu u ghamel dak li qallu biex jaghmel u gara l-incident in kwistjoni. Mill-injam li kien wieqaf waqa' fuqu sebgha minn disgha folji chipboard bil-kejl ta' tmien piedi b'erba' piedi. Il-lifter ma kellux kabina. Kienu l-imghallmin ta' l-attur li harguh minn taht l-injam. Disat ijiem wara li gara l-incident l-attur rega' dahal ghax-xoghol allavolja kien ghadu migugh u dana peress illi kien jibza' ghal xogholu. Xi hmistax wara kien gie mwabbad itella' truck injam kewba li kien tqil hafna peress illi kien ghadu mxarrab u l-ghada ma felahx imur ghax-xoghol. It-tabib tieghu impedih milli jkompli f'dak ix-xoghol. L-attur ma thallasx ghal gimgha xoghol u la tah il-bonus u lanqas l-ispejjez li kien nefaq. Kien jithallas Lm34 kull gimgha. Id-ditta konvenuta skont ma xhed l-attur, ma kienitx tipprovdi safety equipment. L-incident gara fil-11 ta' Settembru 1986 u f'Lulju 1988 l-attur rega' dahal l-isptar minhabba l-ugiegh li ien infirex minn qaddu 'l fuq. Rega' sab ruhu taht it-tabib li kien ikkurah qabel Dr Carmel Apap Bologna li qallu li kollox kien rizultat ta' l-incident li kien garrab.

56. L-attur cahad li l-employer u shabu kienu jghidulu illi jekk jara xi njam ser jaqa' ma jippruvax isalvah. Ikkonferma illi meta ra l-injam ser jaqa' kien pront u qabez mill-fork lifter. Mill-fork lifter l-attur seta' johrog facilment minn naha tax-xellug u b'ebda diffikolta minn naha l-ohra peress illi hemm il-levers u jhallulu xi pied biss. Wara li qabez mill-fork lifter, dan baqa' miexi u waqaf ghal xi ftit sakemm zamm injam iehor xi jzommu. L-injam waqa' fuq sidru u rasu u kieku ma kellux is-safety shoes li pprovd

huwa stess, kien iwegga aktar ghaliex is-safety shoes sostnew l-injam. Normalment biex twaqqaf lifter trid taghfas il-brake u taqta l-lever biex iggibu free. F'dan il-kaz l-attur ma ghamel xejn.

57. Jirrizulta mix-xhieda ta' Henry Sleddan, li fi zmien li gara l-incident kien safety officer mad-Dipartiment tax-Xoghol, li s-socjeta konvenuta ma kienitx ghamlet rapport lid-dipartiment u peress illi dawn cahdu li kien sar xi incident is-safety officer ma setax jivestiga l-kaz.

58. Il-konvenuti ma rawx l-incident pero wiehed minnhom Carmelo Bugeja wasal fuq il-post minuti wara. Qal li spazju minn fejn jghaddi l-fork lifter kien enormi u seta' johrog minn postu kemm minn naha u kemm minn ohra. Kien ilu f'dak ix-xoghol disgha u tletin sena. Sostna li dejjem jaghti struzzjonijiet lill-haddiema li jekk jigri xi haga jahsbu f'rashom. F'dan il-kaz kien qed jiehu hsieb ibnu Philip li huwa l-managing director tas-socjeta konvenuta. Dan qal li meta korra l-attur kien bil-wieqfa kwazi warajh billi kien qed jissorvelja. Ikkonferma illi mal-hajt kien hemm bundle "loose" wieqaf. Peress illi kien miftuh dan il-bundle bil-fors kellu anqas minn tletin sheet. Qal li l-fork lifter kellu spazju bizzejjed fejn jimmanuvra mghobbi, tant li l-attur kien dahal u hareg xi ghaxar darbiet u x-xoghol kien fuq l-ahhar lot. Meta gara l-incident kien qieghed ihares lejn l-attur.

59. Iddeskriva l-incident li gara meta l-attur kien miexi lura bil-fork lifter u bil-ponta tax-xellug ta' barra (fil-konfront tad-driver) caqlaq ic-chipboard nghobbi, wara li l-ponta iktar vicin kienet gia skapulat, laqat parti zghira mic-chipboard li kien wieqaf, forsi erba' jew hames bicciet u kif laqathom waqghu lejn id-direzzjoni tal-fork lifter. Jghid illi kif kien l-attur bil-qeghda fuq is-seat dawn ma kienux jilhquh. L-attur qam jigri u bla ma rabat il-hand brake ipprova jinzel minn fuq l-istaffa, mar jipprova jzomm l-injam li kien niezel jew gia nizel u zelaq u gie fl-art. Il-fork lifter zamm wahdu. Sostna illi l-mod li waqa' l-injam ma seta' qatt imiss il-post fejn kien id-driver u infatti spicca daqs erba' jew hames piedi boghod mis-seat. Sostna illi l-istruzzjonijiet lill-impjegati taghhom kienu li m'ghandhom

qatt jippruvaw izommu xi njam li jkun qed jaqa'. Fi kliem iehor dan ix-xhud qieghed isostni illi l-attur wegga tort tieghu ghaliex dahal go fih. Meta gara l-incident seta' kien il-kaz li warrab xi ftit ukoll u ma ftakarx li l-attur qallu li kien qieghed jiehu sogru pero qal li kieku qallu hekk kien jghidlu fejn jersaq. Ma setax jispjega ghaliex il-lifter mar lejn ix-xellug u mhux lejn il-lemin la darba l-injam kien ghadu dritt meta ntlaqat. Ikkonferma illi sa ma gara l-incident l-attur m'ghamel xejn mhux normali.

60. Il-Qrati taghna f'materja bhal din in ezami ta' Delitti u Kwazi Delitti dejjem interpretaw dak li hemm fl-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili fid-dawl ta' l-interpretazzjoni li l-Qorti u awturi Inglizi taw lil common law.

**Art. 1031**: "*Izda kull wiehed iwiegeb ghal hsara li tigri bi htija tieghu*."

**Art. 1032:** (1) "*Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*."

(2)"*Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi, ghal hsara li tigri, minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar."*

61. Fil-kawza fl-ismijiet **Wilsaon vs Tyreside Cleaning Ro** (1958.2, All ER.268) Parker L.J. waqqaf dan il-priincipju: *"The master's duty in general is to take all reasonable steps to avoid risk to his servants. For convenience, it is often split up into different categories, such is safe tools, safe place of work or safe system of work; but it always remains one general duty."* **Ara wkoll C.Fenech pro et noe vs A.Galea** (Vol.XXXVIII, I, 180), **John Sultana vs Francis Spiteri et noe** Kummerc 28 ta' Mejju, 1979 per George Schembri **u Nazzareno Caruana vs Carmel Cacopardo et** Citaz.Nru.914/01 NA 31 ta' Mejju, 1999.

62. Wiehed ghalhekk irid jara kemm fil-kaz prezenti kien hemm "safe tools", "safe place of work" u "safe system of work".

63. Ix-xoghol li kien qed jaghmlu l-atturi u siehbu kien qed isir f'ambjent fejn is-safe system of work kellha tassumi l-iktar rilevanza f'dan il-kaz. Kien l-obbligu tal-konvenuti noe li jissorveljaw ix-xoghol, jipprovdi lill-attur u siehbu l-ghodda necessarja biex dak ix-xoghol isir kif titlob l-arti u s-sengha.

**64.** Il-konvenuti donnhom iridu jghidu illi l-attur, bhala haddiem kien missu ha hsieb innifsu ahjar u ma hax riskju. Veru li l-attur remotament seta' forsi basar x'setgha jigri. Imma kif intqal fid-decizjoni **Smith vs Baker & Sons (1891)** rapportata f'diversi text books Inglizi fosthom l-awtur Munkman "Employer's Liability at Common Law" wiehed lanqas jippretendi li l-haddiem jigi kostrett ta' kull darba li jipprotesta jew jieqaf mix-xoghol; u li jekk ma jaghmilx dan u jsib ruhu korrett jigi wara "after the event" akkuzat li ma messux ghamel dak li ghamel. Ara wkoll **Citaz.Nru.26/87 JDC Gaspare Xuereb vs Sammy Meilaq et** deciza 17 t'Ottubru 1994. Hemm imbaghad id-dictum ta' Lord Dakrey in re **General Cleaning Contractors Ltd vs Christmas (1952, 2 All E.R.1110)** *"It is well known to employers that their work-people are very frequently, if not habitually, careless about the risks involved or may involve. It is for that very reason that the common law denotes that employers should take reasonable care to lay down a reasonable safe system of work. Employers are not exempted from this duty by the fact that their men are experienced and might, if they were in the position of an employer, be able to lay down a reasonable safe system of work themselves. Workmen are not in the position of employers. Their duties are not performed in the calm atmosphere of a board-room with the advice of experts. They have to make decisions on narrow sills and other places of danger and in circumstances where the dangers are obscured by repetition."*

**65.** Il-principji li jirregolaw ir-responsabbilta ta' sid ta' entrapriza biex ihares is-sahha ta' l-impjegati tieghu huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza. Fil-kawza Ngliza **Wilsons and Clyde Coel Co vs English** deciza mill-House of Lords fl-1937, Lord Maugham osserva:

"*In the case of employments involving risk……… it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care and to use reasonable skill, first to provide and maintain proper machinery, plant appliances and works; secondly to select proper skilled persons to manage and superintend the business and thirdly to provide a proper system of working.*" Fil-kawza **Grech vs Ellul** deciza mill-Prim'Awla fis-27 ta' Gunju 1996 intqal *" It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work"*

*66.* Fil-kawza **Calleja vs Fino** deciza mill-Prim'Awla fl-10 t'Ottubru 1980 gie konstatat illi "*It is the employer's duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employer has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe; the accident in question justifies this."* Fil-kawza **Borg vs Wells** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981 intqal illi "*In planning a system of work the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work."*

67. Ta' importanza hija wkoll il-kawza **Chetcuti vs Mizzi** deciza mill-Prim'Awla fl-20 ta' Gunju 2002 fejn gie osservat li min ihaddem m'ghandux iqabbad lill-haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li ghalih ma kellhom stharrig. L-attur xhed illi huwa kien jahdem bhala driver mad-ditta konvenuta pero fil-fatt kien jaghmel hafna xoghol aktar bhal per ezampju jerfa' l-hadid u l-injam, inaddaf il-flats tad-ditta konvenuta mit-terrapien, u xoghol iehor. In oltre kien ilu hames xhur jahdem mas-socjeta konvenuta. La darba x-xoghol principali ta' l-attur kien dak ta' driver aktar u aktar is-socjeta attrici kellha l-obbligu u d-dover biex tiehu hsieb is-sahha u s-safety ta' l-impjegati taghha u partikolarment meta dan gie mqabbad jaghmel xoghol iehor. Ma jirrizultax illi f'dan il-kaz l-attur inghata ebda stharrig dwar ix-xoghol li gie mqabbad jaghmel u lanqas ma jista' jinghad illi l-attur kien traskurat jew ghamel dak li dehrlu. Fil-fatt huwa jghid illi gibed l-

attenzjoni ta' l-imghallem tieghu dwar l-injam li kien wieqaf pero dejjem skond l-attur il-konvenut qallu li ma kienx hemm perikolu u tah struzzjonijiet kif ghandu jsuq il-lifter. Fil-kawza Ingliza **Hall vs McLean** (1958) C.A. 110 intqal illi: *"If he* (f'dan il-kaz l-attur) *makes any real complaint of the conditions on the score that make the doing of the work dangerous, or are likely to cause injury, than it may well be that if the employers ignore such a complaint they will do so at their peril".*

68. Il-Managing Director tas-socjeta konvenuta Philip Bugeja pprova jitfa htija fuq l-attur meta jiddeskrivi kif gara l-incident: Testwalment huwa jghid fix-xhieda tieghu:
"Kif laqathom (hawn kien qed jirreferi ghall-injam li kien wieqaf) waqghu lejn id-direzzjoni tal-fork lifter. Ghalkemm kif l-attur kien bil-qieghda fuq is-seat dawn ma kienux jolqtuh, hu qam jigri u bla ma rabat il-handbrake ipprova jinzel minn fuq l-istaffa, mar jipprova jzomm l-injam li kien niezel jew gia nizel u zelaq u gie fl-art." Ikompli jghid "il-mod li waqa' l-injam ma seta' qatt imiss il-post fejn kien id-driver u nfatti spicca daqs erba' jew hames piedi 'l boghod mis-seat." Biex isahhah l-argument tieghu aktar tard jghid: "L-istruzzjonijiet taghna dejjem kienu fil-konfront ta' l-impjegati li m'ghandhom qatt jippruvaw izommu xi njam li jkun qed jaqa'." M'hemmx dubju li l-attur gie konfrontat b'emergenza subtanea. Ir-reazzjoni tieghu kienet wahda naturali u reali. Anke jekk ghal grazzja ta' l-argument l-attur seta' u messu agixxa mod iehor dan il-fatt wahdu ma ghandu qatt ikun fattur li jitfa xi htija kontributorja fuq l-attur. Dan hu priincipju accettat ghaliex ma tistax tghid kif persuna agixxa jew seta' jagixxi fil-mument li tigi affaccata b'emergenza tan-natura kif gie iffaccjat l-attur.

69. Fil-fehma ta' l-esponent, kull min jimpjega haddiema ghandu l-obbligu li jonora l-ligi generali tal-pajjiz billi jiehu hsieb jissalvagwarda s-sahha tal-haddiem u biex jipprovdi tahrig, ghodda ambjent sabiex jigu evitati danni lill-istess impjegati. (Ara **Bray vs Petroni**) deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' Novembru 2001.

70. L-esponent ghaldaqstant kien tal-fehma illi s-socjeta konvenuta ghandha tinstab responsabbli ghall-incident li sehh fil-11 ta' Settembru, 1986 li fih allegatament wegga' l-attur.

**LIKWIDAZZJONI TA' DANNI**

Damnum emergens

L-attur ipproduca dawk id-dokumenti in sostenn tal-pretensjoni tieghu:

| | |
|---|---|
| Paga telf ta' gimgha | Lm31.00 |
| Dok.PG1 – Dr Ray Fenech M.D. | Lm16.00 |
| Dok 2 – medicini | Lm 2.75 |
| Dok PG2 - medicini | Lm 2.44 |
| Dok PG3 - medicini | Lm 6.86 |
| Dok PG4 - medicini | Lm 5.00 |
| Dok PG5 (6,7) - car hire | Lm36.00 |
| Dok PG6 (8,9) - car hire | Lm 2.00 |
| Dok.4 - car hire | Lm 4.00 |
| Dok 5. - orthopeadic mattress | Lm57.00 |

71. Skond ix-xhieda ta' Joseph Gerada tal-15 ta' Gunju 1990 ghalkemm ir-records ta' l-attur juru assenzi kontinwi ta' l-attur minn fuq ix-xoghol minhabba l-ugiegh huwa baqa' jircievi l-paga regolarment.

72. Id-danni fuq imsemmija ma gewx kontestati u jidhru ragonevoli. B'hekk l-attur ghandu jircievi l-ammont ta' Lm163.05 bhala Damnum Emergens.

Lucrum Cessans.

Skond l-ewwel rapport tal-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel M.D., F.R.C.S., huwa stabilixxa li l-attur ma sofra l-ebda disability permanenti (Dok.FZM1). Sussegwentement fir-rapport addizzjonali tieghu Dor FZM2 huwa stabbilixxa disabilita permanenti fil-grad ta' 20% u kkonkluda hekk:

"In conclusion Mr Grech now has a permanent disability estimated at 20%. My examination of May 1989 detected no objective evidence of disc herniation. It is unusual though not unheard of, for a sudden (apparently unprecipitated) deterioration to occur 3 ½ years after the original injury. There is no way that I can ascribe or

exclude with certainty that all is the result of the accident in question."

In vista tal-konkluzjoni ta' l-espert mediku fuq imsemmija l-esponent ma jistax jikkwantifika d-danni li sofra l-attur bhala lucrum cessans u dana sakemm jinghata direzzjoni minn dina l-Onorabbli Qorti."

Dr. Frederick Zammit Maempel ta s-segwenti opinjoni fir-rapport tieghu:
"Opinion And Prognosis:

Mr. Grech sustained a contusion to his back at the time of the accident. The clinical and radiological examination are essentially normal. The sensory deficit does not follow known anatomical patterns and points to supratentorial overlay. The mild scoliosis predated the accident bu decades and is coincidental finding of no importance.

In conclusion, Mr. Grech's symptoms would be expected to settle in time and no permanent disability is envisaged."

Rat id-digriet tal-15 ta' Gunju, 2005 li bih gew nominati l-Mr. Carmel Sciberras, Mr. Ivan Esposito u Mr. Ray Gatt bhala periti addizzjonali.

Rat ir-rapport tal-periti addizzjonali Mr. Carmel Sciberras, Mr. Ivan Esposito u Mr. Ray Gatt li fih semmew:
**"EZAMI** *(14/07/05):* Is-Sur Grech jidher ragel f'sahhtu. Mexa normali minghajr ma zappap. Seta' jimxi fuq ponot subghajh u fuq l-gharqub.

**Dahar:** Cikatrici (15cm) fuq il-parti lumbari. Ma kien hemm l-ebda nixfa fil-muskoli tad-dahar jew tal-patata (buttocks) jew fir-riglejn.

Meta tbaxxa 'l quddiem nizel biss sa kemm kemm taht l-irkobba (forward flexion).

Meta tbaxxa la' genba (lateral flexion) lahaq sal-irkobba fuq iz-zewg nahat.

Meta ltewa lura (extension) wegga' xi ftit.

SLR: R. 50.

L. 60 — l-ugigh mar fuq in-naha tal-lemin tad-dahru.

Dan nghidulu "cross over pain".

Laseque's test: Posittiv fuq iz-zewg nahat.

Riflessi fir-riglejn — normali.

Sensazzjoni — ftit nuqqas fl-L5/S1 dermatoma.

Sahha fil-muskoli — normali (5/5) fiz-zewg riglejn.

Plantars.

Faber's test ghal biex nittestjaw is-sacroiliac joint. Kien pozittiv fuq iz-zewg nahat.

**<u>IMPRESSJONI</u>:** Prima facie jidher li s-Sur Grech garrab hsara fis-sinsla ta' dahru fl-incident li kellu fl-1986. La qabel u lanqas wara ma kellna evidenza li dahru wegghu b'xi mod iehor. Minhabba li l-ugigh kompla, is-Sur Grech kellu jaghmel 2 operazzjonijiet fuq is-sinsla, mhux xi haga sabiha! L-ebda wahda minnhom ma rnexxiet ghal kollox u s-Sur Grech zgur li ser jibqa' batut minn dahru. Ahna nahsbu li s-Sur Grech qed ibati minn dak li jissejjah "post laminectomy Syndrome" jigifieri episodju ta' ugigh sew fid-dahar u wkoll fir-riglejn li minhabba fihom ikollu jistrieh. Huwa limitat hafna x'jista' jaghmel — u jidher li x-xogholijiet li jista' jaghmel kollha huma manwali. (Labourer). Bhalissa jidher li qed ikampa bix-xoghol hafif li ghandu izda jrid joqghod b'seba mitt ghajn biex ma jaghmilx xi mossa li tista' tqanqallu l-ugigh ta' dahru mill-gdid.

**<u>DIZABILITA`</u>: 20% (ghoxrin fil-mija).”**

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***1. <u>Kif sehh l-incident</u>***

Dwar kif gara l-incident hemm il-versjoni ta’ l-attur u dik ta’ Philip Bugeja. Irrizulta li l-attur kien jahdem bhala driver mad-ditta konvenuta u kien jaghmel hafna xoghol aktar skond l-esigenzi. Kien ilu jahdem xi hames xhur qabel ma gara l-incident. Meta gara l-incident l-attur kien qieghed icaqlaq njam min post ghall-iehor permezz tal-fork lifter u Philip Bugeja kien qieghed jaralu quddiem il-lifter. Meta l-attur caqlaq l-ahhar bundle ta’ l-injam gara l-incident in kwistjoni. Mill-injam li kien wieqaf waqa’ fuqu sebgha minn disgha folji chipboard bil-kejl ta’ tmien piedi b’erba’ piedi. Il-lifter ma kellux kabina. L-incident gara fil-11 ta’ Settembru 1986 u f’Lulju 1988 l-attur rega’ dahal l-isptar minhabba l-ugiegh li ien infirex minn qaddu ‘l fuq. L-attur ikkonferma illi meta ra l-injam ser jaqa’ kien pront u qabez mill-fork lifter. L-injam waqa’ fuq sidru u rasu u kieku ma kellux is-safety shoes li pprovda huwa stess, kien iwegga aktar ghaliex is-safety shoes sostnew l-injam. Jidher li l-attur qam jigri u bla ma rabat il-hand brake ipprova jinzel minn fuq l-istaffa, mar jipprova jzomm l-injam li kien niezel jew gja nizel u zelaq u gie fl-art.

***2. <u>Responsabbilta’</u>***

L-artikoli relevanti jinstabu fil-Kap 16 - artikoli 1031, 1032 u 1045.

1031 “Izda kull wiehed iwiegeb ghal hsara li tigri bi htija tieghu.”

Art. 1032 (1) “Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja.”

(2)“Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta’ dispozizzjoni espressa tal-ligi, ghal hsara li tigri, minhabba nuqqas ta’ prudenza, ta’ diligenza jew ta’ hsieb fi grad akbar.”

Art 1045 (1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’

qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.

(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacità tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacità ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Id-doveri ta' sid ta' entrapriza biex ihares is-sahha ta' l-impjegati tieghu huma li:

A. il-haddiema ghandhom jahdmu f'post tax-xoghol li ma jkunx perikoluz taht ic-cirkostanzi tat-tip ta' xoghol [*safe place of work*];

B. il-mod kif isir ix-xoghol [bhala sistema] m'ghandux ikun wiehed perikoluz [*safe system of work*]; hemm erba' elementi li jirrendu ***a system of work unsafe* –**

***a. that the defendan's operations involved a risk of injury which was reasonably forseeable;***

***b. that there were reasonably practicable means of obviating such risk;***

***c. that the plaintiff's injury was caused by the risk in question;***

d. ***that the failure of the defendant to eliminate the risk showed a want of reasonable care for the plaintiff's safety;***

C. il-fatt li l-mod kif isir ix-xoghol ilu stabbilit ghal zmien twil ma jfissirx necessarjament li is-sistema hija necessarjament wahda li ma fihiex perikolu;

D. il-haddiema jkollhom ghodda li ma twassalx ghal-perikolu [*safe tools and proper machinery*];

E. il-haddiema ghandhom ikunu mghallma tajjeb ghat-tip ta' xoghol li qed jaghmlu [*properly skiller workers*];

F. min ihaddem m'ghandux iqabbad lill-haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li

ghalih ma kellhom stharrig; hu importanti wkoll li wiehed jara kemm ilu jahdem f'dak it-tip ta' xoghol il-haddiem;
G. ir-responsabbilta' tas-sid tizdied jekk il-haddiem jirrileva xi perikolu involut u s-sid jinjora dan il-fatt;
H. il-haddiema ma ghandhomx ikun traskurati b'mod li jzidu l-perikolu;
I. kull min jimpjega haddiema ghandu l-obbligu li jonora l-ligi generali tal-pajjiz

Dwar il-fatt li fil-kaz in ezami Philip Bugeja xehed li meta waqa' l-injam ma kienx jilhqu dan ma hux sufficjenti – wiehed ma jistennix haddiem li jara folji tal-injam tat 8 * 4 jaqghu jibqa' fl-istess post biex jara x'ser jigri. Ukoll il-fatt li ma gara xejn waqt li l-attur kien qed jahdem fuq il-lots ta' qabel ma jwassal b'ebda mod li ghalhekk meta gara kien it-tort ta' l-attur kif sostniet il-kumpanija intervenuta fil-kawza.

Fil-kaz in ezami irrizulta li l-mod kif isir ix-xoghol [bhala sistema] ma kienx wiehed tajjeb. L-ghodda supplita ma kinitx twasal ghal sigurta sufficjenti - *safe tools and proper machinery*. Lanqas ma jidher li l-attur kien mghallem tajjeb ghat-tip ta' xoghol li kien qed jaghmel [*properly skiller workers*]. Ma rrizultax li l-attur inghata xi tahrig, u kull ma kien ilu jahdem kien hames xhur, u kien jaghmel kull tip ta' xoghol. Il-garr ta' injam permezz ta' forklifter kien jesigi ***a safe system of work*** u s-socjeta` konvenuta naqset f'dawn l-obbligi meta ma pprovditx tahrig lill-attur Reg 49 (3) (g) tal-AL 52/86. Lanqas ma jidher li kien hemm sorveljanza adegwata. Wiehed irid iqis f'dan l-istadju l-Avviz Legali 52 tal-1986 – Factories (Health, Safety, and Welfare) Regulations 1986 u senjatament l-artikoli 49 (1) u (3). Dawn jipprovdu li m'ghandux ikun hemm riskji, li ghandu jkun hemm l-***equipment*** tajjeb u fi stat tajjeb, u li jkun hemm ***safety*** u ***absence of risks*** ghal ***handling*** u ***transport of articles***.

Dan iwassal biex il-Qorti taqbel mall-Perit Legali li s-socjeta' konvenuta ghandha tinstab responsabbli ghall-incident li sehh fil-11 ta' Settembru, 1986 li fih allegatament wegga' l-attur.

***3. Disabilita`***

It-tobba waslu ghall-konkluzjoni li l-attur garrab hsara fis-sinsla ta' dahru fl-incident li kellu fl-1986. Ma rrizultalhomx li la qabel u lanqas wara l-incident ***de quo*** li dahru wegghu b'xi mod iehor. Minhabba li l-ugigh kompla, l-attur kellu jaghmel 2 operazzjonijiet fuq is-sinsla, u l-ebda wahda minnhom ma rnexxiet ghal kollox u s-Sur Grech zgur li ser jibqa' batut minn dahru. Ikkonkludew li l-attur qed ibati minn dak li jissejjah "post laminectomy Syndrome". Id-dizabilita` giet stmata bhala 20% (ghoxrin fil-mija).

***4. Damnum Emergens***

Ma jidhirx li hemm ebda raguni valida ghaliex ghandha tigi b'xi mod varjata s-somma likwidata mill-Perit legali dwar id-damnum emergens. Id-danni ma gewx kontestati u jidhru ragonevoli. B'hekk l-attur ghandu jircievi l-ammont ta' Lm163.05 bhala Damnum Emergens.

***5. Lucrum Cessans***

Il-kumpanija intervenuta fil-kawza ghamlet referenza dwar dan l-aspett ghal dak li ntqal fil-kawza deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Civili fil-15 ta' Frar, 1957 fl-ismijiet **Carmela Busuttil vs George Micallef** kien intqal li "L-artikolu 1088 Kap 23 [1045 tal-Kap 16] … ma jaghtix dritt ta' indenniz ghall-inkapacita` "ut sic", imma ghall-inkapacita` in kwantu din tirrifletti telf ta' qliegh…" [XLI-I-105]. Ilum hu pacifiku li l-aspetti applikabbli huma dawk kif din il-Qorti kif presjeduta analizzat fil-kawzi fl-ismijiet **John Ransley et vs Edward Restall et** [citaz 154/2002] deciza fl-10 ta' Mejju, 2005 u **Jacqueline Cauchi vs Bridget Formosa et** [citaz 640/2004] deciza 13 ta' Jannar 2006. Il-kumpanija intervenuta baqghet tinsisti fuq l-insenjament ta' **Busuttil vs Micallef.** Kif jista' qatt wiehed jghid li kieku ma wegghex setax jaqla' aktar. Huwa veru li l-attur bhala stat ta' fatt baqa' jahdem u kellu paga ragjonevolment tajba, izda dan ma jfissirx li kieku ma kellux l-incident possibbilment setax jaqla' aktar. L-interpretazzjoni llum hija fis-sens li jekk id-disabilita` subita irrenditx lill-attur fi stat li jaqla' anqas flus minhabba din id-disabilita`, ghax x'kien jigri kieku ma inqalax l-incident

huwa kollu ipotetiku. Issa l-incident subit mill-attur f'dan il-kaz irrenda lill-attur ghall-inkapacita` in kwantu din tirrifletti probabilment telf ta' qliegh? Ic-certezza ma tezistix ghax min jaf kienx jimrad, ikorri, etc li kieku qatt ma inqala' l-incident!

Huwa ferm probabbli li kieku l-attur ma weggax li kien ikollu opportunitajiet ahjar ta' xoghol aktar remunerattiv. Infatti d-dizabilita` svantaggi taghti – ara **George Gatt vs Francis Carbone noe** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Superjuri fis-7 ta' Lulju, 1998 [LXXXII-II-242], u **Carmelo Galea vs Albert Mizzi et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri fit-23 ta' April, 2001, u **John Scicluna et vs Malta Drydocks** deciza mill-Prim'Awla [384/97/GV] 14 ta' Dicembru, 2001, **Francis Busuttil vs Sammy Meilaq noe** deciza mill-Prim'Awla [387/94/PS] 9 ta' Dicembru, 2002, u **John Soler vs Claire Gove' et** deciza mill-Prim'Awla [2128/98/NC] 14 ta' Ottubru, 2003. **Maria Debono vs Andrew Vaswani** deciza mill-Prim'Awla [48/94/PS] 3 ta' Ottubru, 2003, **Josef Farrugia vs Thomas Tanti** deciza mill-Prim'Awla [1583/01/TM] 7 ta' Lulju, 2004.

***5a. Multiplier***

Dwar il-Multiplier il-Qorti sejra tikkwota mis-sentenza l-ohra taghha fuq imsemmija **Ransley vs Restall**:
"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda il-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc

fil-kawza Lambert vs Buttigieg deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:
“Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-‘multiplier’ adottat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikat f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-‘multiplier’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, s-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li “Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta’ inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta’ ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta’ ‘Buttler vs Heard’ – b’dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala ‘lucrum cessans’ - jipprova jimprimi sens

ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-multiplier adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15 il-sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija]…."

Jirrizulta li l-incident gara fil-11 ta' Settembru, 1986 u l-attur kien beda jahdem mas-socjeta` konvenuta fid-9 ta' Mejju, 1986. Meta sar l-incident l-attur kellu salarju gross ta' LM34 kull gimgha – u cioe' LM1768 fis-sena. Meta sar l-incident l-attur kellu 36 sena. Wara li l-qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta' tal-attur ta' 36 li jilhaq l-eta` tal-pensjoni ta' 61, tqis li ghandha tadopera multiplier ta' <u>24 ghal kaz in ezami</u>. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li llum ghaddew ghoxrin sena u l-attur ghadu jahdem.

***5b. Paga u gholi tal-hajja***

Fil-kaz in ezami l-attur kien qieghed jaqla' salarju gross ta' Lm1768 fis-sena. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'zewg liri fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b'LM104 ghal 24-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju (1768) u dak tal-ahhar salarju (2496 + 1768 = 4264 ) ossia 1768 + 4264 /2 = 3016] u <u>jwassal ghal LM3016</u>. Dan oltre l-awment tal-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***5c. Disabilita`***

Mir-rapport mediku jirrizulta` li d-disabilita` prezenti tal-attur hija ta' madwar 20%. Ghalhekk il-Qorti sejra toqghod fuq il-bazi ta' <u>20% bhala disabilita`.</u>

***5d. Lump Sum Payment***

Hawnhekk ukoll il-Qorti sejra tikkwota dak li qalet f'**Ransley vs Restall**:

"L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-lump sum payment b'ammont ekwivalenti ghal 5% meta jkunu ghaddew numru ta' snin mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: "jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie imnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-OTT-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena."

Ghall-kaz in ezami ma ghandux ikun hemm tnaqqis ghax il-likwidazzjoni tad-danni qedha ssir 20 sena mill-incident. Hawn il-Qorti tixtieq tirrimarka li l-kawza qedha quddiemha kif presjeduta mit-28 ta' Novembru, 2002.

***5e. Kunsiderazzjonijiet ohra***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-***dependency issue*** ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***5f. Likwidazzjoni tal-ammont ta' lucrum cessans***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qliegh medju annwali tal-attur inkluz l-gholi tal-hajja tammonta ghal LM3016;

II. Irid jitqies multiplier ta' 24. Dan igib l-ammont ta' LM72384;

III. Il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 20% u ghalhekk jammonta ghal ossia LM14476.80;

IV. Ma jrid isir ebda tnaqqis tal-lump sum payment;

V. Ma' dan irid jizdied l-ammont ta' ***damnum emergens*** ta' LM 163.05 u dan iwassal it-total ghal LM14639.85.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

L-eccezzjonijiet tal-intervenuti fil-kawza gew michuda minhabba li eccipiet li jekk l-attur kien wegga' kien huwa stess li kien pogga ruhu f'pozizzjoni li kien jista' jwegga' billi kien qabez minn pozizzjoni fuq il-fork-lift li fiha ma kienx seta' jigi milqut ghal pozizzjoni fl-art, ezattament fejn kien waqa' l-bundle imsemmi minnu fl-att tac-citazzjoni, u dana kontra l-istruzzjonijiet ripetutament espressi mid-diretturi tas-socjeta` konvenuta. Irrizulta li kienet is-socjeta' konvenuta li kienet responsabbli ghall-incident u ghalhekk l-istess eccezzjoni hija michuda.

Il-Qorti tiddikjara lis-socjeta` konvenuta bhala responsabbli ghall-incident li gara fil-11 ta' Settembru 1986 ghal xi t-3.30 p.m., li fih l-attur korra serjament, u dan minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u

inosservanza tar-regolamenti da parti taghhom, u ghad-danni konsegwenzjali subiti mill-attur; tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ LM14639.85 [erbatax il-elf sitt mija disgha u tletin lira maltija hamsa u tmenin centezmu], u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur din is-somma.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mil-lum kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------